MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 247/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Spiteri talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn 12 u 13 ta' Gunju 2000 u fl-ahhar gimghat qabel dina d-data:

1 Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-

Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall uzu esklussiv tieghu;

2 Kellu ukoll fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjoniet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li kellu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tiehu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3 Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (Ecstasy), meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artiklu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4 Talli wkoll minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna/i jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljetti ta’ flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti kienu falsifikati u cioe` zewg karti ta’ Lm10 skond l-artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5 U talli sar recidiv b’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta’ Frar 1996 u sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Awla 10), fil-15 ta’ Frar, 1995;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta’ Dicembru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Joseph Spiteri hati tar-raba' imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti u kkundannatu ghal perijodu ta' tliet snin prigunerija bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv, kif ukoll ghall-hlas ta' *multa* ta' tliet mitt liri (Lm300), u ordnat id-distruzzjoni tad-droga u flus permezz ta' l-Ispizjar Mario Mifsud kif ukoll il-konfiska ta' l-esebiti l-ohra favur il-Gvern ta' Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali pprezentat fis-17 ta’ Dicembru, 2003 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel, tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija fl-appellat (allura imputat) skond l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet, kif ukoll f'dik il-parti fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga u flus esebiti taht l-inkarigu moghti ghal dan il-ghan lill-Ispizjar Mario Mifsud, u fejn giet ordnata l-konfiska ta' l-esebiti l-hra favur il-Gvern ta' Malta, thassarha u tirrevokaha fil-bqija, inkluz il-piena inflitta li allura tigi, in vista ta' l-aggravju avvanzat, wahda rivedibbli u sostitwibbli, u minflok, wara li tirrevedi l-apprezzament tal-provi, issib u tiddikjara htija wkoll ta' l-istess appellat fir-raba' imputazzjoni u tinfliggi l-piena karcerarja u pekunjarja hekk riveduta u sostitwita skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-appellat u n-nota responsiva ta' l-appellant;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jikkonsisti filli, skond hu, l-ewwel Qorti erronejament illiberat lill-appellant mir-raba' imputazzjoni ghax irriteniet li ma ngabet ebda prova li l-appellant kien jaf li z-zewg karti foloz ta' ghaxar liri (Lm10) kienu fil-fatt foloz. Skond l-appellant, l-elementi mehtiega sabiex legalment jissussisti ir-reat kontemplat fl-artikolu 46 tal-Kap. 204 huma li fl-ewwel lok issir il-prova li dak li jkun kien jaf li l-istess biljett tal-flus iffalsifikat kien effettivament falsifikat, u dan apparti l-prova tal-pussess materjali ta' l-istess biljett. Ighid li f'dan ir-rigward hija rilevanti d-deposizzjoni tax-xhud tal-prosekuzzjoni P.C. 1183 Oliver Borg li jghid, b'mod inkontestat, li fil-waqt li l-appellant gie arrestat mill-Pulizija u kienet qieghda ssir tfittxija fuq il-persuna tieghu, l-appellant kellu fuq il-persuna tieghu zewg karti ta' ghaxar liri (Lm10) li huwa nnifsu stqarr max-xhud li kienu foloz. Galadarba saret din il-prova, kien imbaghad jispetta lill-appellant li mqar fuq bazi ta' probabilita` jaghmel il-prova ta' l-awtorita` legali ghal tali pussess jew ta' xi skuza legittima jew ragonevoli. Fil-fatt, isostni l-appellant, l-appellat ma ghamel ebda prova ta' xi wahda minn dawn it-tliet possibilitajiet, u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tiddikjara lill-appellat hati wkoll tar-raba' imputazzjoni.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-appellat ighid li ghalkemm fl-ewwel parti tar-rikors ta' appell gew elenkati zewg bazijiet ta' appell, dik ta' *error juris* u dik li l-ewwel Qorti erronejament ikkonkludiet li ma ngabet l-ebda prova li l-appellant kien jaf li l-karti tal-flus huma foloz, fil-parti tar-rikors li tirrigwarda r-ragunijiet ta' l-appell jissemma biss l-apprezzament erroneju ta' fatti u mhux ukoll dak ta' *error juris*. Dwar il-kwistjoni ta' *error juris* ighid li l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda enuncjazzjoni tal-ligi izda kienet semplicement qed tevalwa l-fatti u taghti s-sentenza; ghalhekk ma jistax ikun hemm enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi. Dwar il-kwistjoni ta' apprezzament zbaljat tal-provi, id-dritt ta' appell lill-Avukat Generali gie moghti bis-sahha ta'

l-emendi tas-sena 2002. Din il-kawza giet differita ghas-sentenza fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2001 izda s-sentenza inghatat fl-10 ta' Dicembru 2003, cioe` wara li dahlu *in vigore* l-emendi relattivi li jippermettu lill-Avukat Generali dritt ta' appell "fuq kollox". Dan it-tibdil, fil-fehma ta' l-appellat, m'ghandux ikun ta' pregudizzju ghalih u ghandha tapplika l-ligi l-aktar favorevoli ghalih.

Fin-nota responsiva tieghu l-appellant ighid li fis-sentenza appellata certament hemm element qawwi u manifest ta' *error juris* stante li l-ewwel Qorti ma applikatx korrettement l-artikolu 46 tal-Kap. 204 li, korrettement applikat, igib bhala konsegwenza legali l-ispostament ta' l-oneru tal-prova fuq l-appellat li, galadarba tkun saret il-prova tal-pussess materjali tal-biljetti ta' flus foloz f'idejh, spetta lilu li, imqar fuq bazi ta' probabilita`, javvanza xi wahda jew ohra mit-tliet linji difensjonali kontemplati fl-istess artikolu. Dan kollu, ikompli jghid l-appellant, l-ewwel Qorti ma onoratux u huwa hawn fejn hemm l-*error juris* li fl-istess hin induciet lil dik il-Qorti ukoll taghmel apprezzament erroneju tal-fatti meta kkonkludiet li ma ngabet l-ebda prova li l-appellant kien jaf li l-karti tal-flus huma foloz (mentri tali prova kienet saret mill-prosekuzzjoni, izda din il-kwistjoni tmur oltre u tezorbita l-punt tal-*error juris*). Mill-bqija, l-appellant isostni li dak kollu li l-appellat issottometta dwar l-applikazzjoni tal-ligi l-aktar favorevoli ghalih ma ghandu x'jaqsam xejn mal-mertu ta' l-appell odjern.

Kull rikors ta' appell ghandu jikkontjeni, *inter alia*, ir-ragunijiet ta' l-appell[1]. Hija gurisprudenza ormai pacifika li l-Qorti ta' l-Appell ma tihux konjizzjoni ta' ragunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir-rikors ta' appell. F'dan il-kaz, minn ezami tar-rikors ta' appell, u specifikatament dik il-parti intestata "Ragunijiet ta' l-appell", huwa evidenti li l-Avukat Generali qieghed jilmenta minn apprezzament hazin tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti. Dan huwa hekk peress illi fl-ewwel paragrafu jghid li l-aggravju tieghu huwa li "l-ewwel Qorti erronejament illiberat lill-appellat mir-raba' imputazzjoni

[1] Artikolu 419(1)(b) tal-Kap. 9.

ghax irriteniet li ma ngabet ebda prova li l-akkuzat kien jaf li z-zewg karti foloz ta' Lm10 kienu foloz". Jigifieri din hija purament kwistjoni ta' apprezzament ta' fatti. In virtu` ta' l-emendi introdotti bis-sahha ta' l-Att III ta' l-2002, li, fil-mument li gie ntavolat dan l-appell kienu diga` fis-sehh u essendo emendi ta' natura procedurali, l-Avukat Generali seta' jappella anke fuq kwistjoni ta' apprezzament ta' fatti[2].

Huwu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[3].

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi jirrizulta li fit-12 ta' Gunju 2000 membri tad-Drug Squad kellhom struzzjonijiet sabiex jaghmlu tfittxija fir-residenza ta' l-appellat. Meta marru fuq il-post ma kienx id-dar izda ftit tal-hin wara l-appellat wasal u l-Pulizija dahlu mieghu biex issir it-tfittxija. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu

---

[2] Artikolu 413(1)(c) tal-Kap. 9.

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

gew elevati, fost affarijiet ohra, zewg karti ta' l-ghaxar liri (Lm10) li rrizulta li kienu foloz[4]. Skond P.C. 1183 Oliver Borg, l-appellat stess ammetta li kienu foloz. Ix-xiehda relevanti hija din[5]:

"Pros: Sewwa. U minbarra l-flus li kellu tiftakar kellu xi flus ohra li mhumiex … minbarra l-mija u disgha u disghin, tiftakar kellux xi zewg karti?
Xhud: Kellu zewg karti ta' l-ghoxrin lira li huwa qalilna li kienu foloz.
Pros: Sewwa. Tiftakar li kienu zewg karti ta' l-ghaxar liri?
Xhud: Zewg karti ta' l-ghaxra, kienu jammontaw ghal ghoxrin lira.
Pros: Nurik dan ….
Qorti: Min qallek li huma foloz?
Xhud: L-imputat innifsu x'hin konna fir-residenza tieghu.
Pros: Pero` inti rajthom f'idejk dawn?
Xhud: Iva, rajniehom ahna. Ghamilniehom fejn id-dawl u rajna li ma kellhomx 'watermark' dawn u qalilna, qalilna: 'Dawk foloz ta', qalilna.
Pros: Qallek xi haga? Ammetta?
Xhud: Ammetta. Ezatti iva."

Din il-Qorti fliet il-provi kollha li gew prodotti f'din il-kawza u minn imkien ma jirrizulta li din ix-xiehda giet b'xi mod kontestata. Meta l-appellat xehed quddiem l-ewwel Qorti ma qal xejn f'dan ir-rigward u anke meta kien qieghed jaghmel l-istqarrija tieghu lill-Pulizija u gie mistoqsi x'ghandu xi jghid dwar iz-zewg karti ta' l-ghaxar liri (Lm10) foloz ghazel li ma jwegibx. Sahansitra fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ma jsemmi xejn dwar dawn il-flus foloz. Issa skond l-artikolu 46 tal-Kap 204:

**"Kull min minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat) jixtri jew jircievi minghand xi persuna, jew ikollu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li l-istess ikun falsifikat, jehel, meta**

[4] Ara rapport ta' l-espert forensiku Ivan Formosa a fol. 116 sa 119 tal-process u xiehda tieghu a fol. 121 u 122.
[5] Traskritta a fol. 15 tal-process.

**jinsab hati, prigunerija ghal zmien ta' mux anqas minn tlettax-il xahar u mhux izjed minn hames snin"**.

Il-prosekuzzjoni ppruvat li l-karti foloz imsemmija kienu fil-pussess ta' l-appellat kif ukoll ippruvat li stqarr mal-Pulizija meta nstabu li kienu foloz, jigifieri mela li kien jaf li huma foloz. Mill-banda l-ohra l-appellat la pprova li dawk il-karti kienu ghandu b'awtorita` legittima u lanqas ma avvanza xi skuza legittima jew ragonevoli ghaliex kienu fil-pussess tieghu. Anzi jirrizulta mill-atti li ma avvanza jew ittenta jaghmel l-ebda forma ta' difiza f'dan ir-rigward. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti ma kellhiex ragun meta qalet li ma ngabet l-ebda prova li l-appellat kien jaf li huma foloz.

Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali ghandu jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati skond l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet kif ukoll f'dik il-parti fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga u flus [foloz] esebiti taht l-inkarigu moghti ghal dan il-ghan lill-Ispizjar Mario Mifsud u fejn giet ordnata l-konfiska ta' l-esebiti l-ohra a favur tal-Gvern ta' Malta, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellat hati tar-raba' imputazzjoni u kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet snin li minnu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-appellat ghamel taht arrest preventiv u ghall-hlas ta' *multa* ta' tliet mitt liri (Lm300) li ghandha tithallas fi zmien tliet xhur u fin-nuqqas tinbidel fi prigunerija, u minflok tiddikjarah hati ukoll tar-raba' imputazzjoni skond l-artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah (ghall-imputazzjonijiet kollha flimkien) ghall-piena ta' prigunerija ta' tliet snin u sitt xhur bit-tnaqqis taz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventriv in konnessjoni ma' dan il-kaz u ghall-hlas ta' *multa* ta' tliet mitt liri (Lm300) fi zmien tliet xhur millum u li jekk ma tithallasx fit-terminu moghti tinbidel fi prigunerija ghal perijodu ta' sittin gurnata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------